Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B IR-REGOLAMENT (KE) Nru 2160/2003 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tas-17 ta' Novembru 2003

fuq il-kontroll tas-salmonella u aġenti Zoonotiċi oħra speċifiċi li jkun hemm ġewwa l-ikel

(ĠU L 325, 12.12.2003, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1003/2005 tat-30 ta' Ġunju 2005	L 287M	6	18.10.2006
►M2	Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1791/2006 ta' l-20 ta' Novembru 2006	L 352M	629	31.12.2008
►M3	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1237/2007 tat-23 ta' Ottubru 2007	L 280	5	24.10.2007
►M4	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 213/2009 tat-18 ta' Marzu 2009	L 73	5	19.3.2009
►M5	Regolament (KE) Nru 596/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009	L 188	14	18.7.2009

▼B

IR-REGOLAMENT (KE) Nru 2160/2003 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tas-17 ta' Novembru 2003

fuq il-kontroll tas-salmonella u aġenti Zoonotiċi oħra speċifiċi li jkun hemm ġewwa l-ikel

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari l-Artikolu 152(4)(b) ta' dan,

Wara li kunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([2]),

Wara li konsultaw mal-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura preskritta fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([3]),

billi:

(1) Annimali ħajjin u ikel ta' annimali ta' oriġini jidhru fuq il-lista f'L-Anness 1 għat-tratt. Biedja tal-bhejjem u l-ippjazzar fuq is-suq ta' ikel ta' oriġini ta' annimali li jikkostitwixxu eġħjun importanti ta' dħul għall-bdiewa. L-implimentazzjoni ta' mizuri veterinarji huma mirati biex jgħollu l-livell tas-saħħa pubblika u ta' l-annimali fil-komunità u jgħinu l-izvilupp razzjonali tas-settur tal-biedja.

(2) Il-protezzjoni tas-saħħa umana kontra mard u infezzjonijiet trasmessi direttament jew indirettament bejn annimali u umani (żonożi) huwa ta' importanza kbira

(3) Żonożi li tista tiġi trasmessa mill-ikel tista' toħloq sofferenza tal-bniedem, kif ukoll telf ekonomiku għall-produzzjoni u l-industrija ta' l-ikel

(4) Żonożi trasmessa permess ta'egħjun minbarra ikel, speċjalment għall-popolazzjoni ta' annimali domestiċi u slavaġ huma wkoll kwistjoni ta' inkwiet.

(5) Żonożi preżentati fuq il-livell ta' produzzjoni ta' livelli primarji għandhom ikunu adgwatament ikkontrollati biex jiżguraw li l-għanijiet ta' dan ir-Regolament jiġu milħuqa.adankollu, fil-każ tal-produzzjoni ta' prodotti primarji mill-operatur tan-negozju ta' l-ikel li jipproduċihom, għall konsumatur aħħari jew ħwienet lokali, huwa xieraq li tiġi protetta s-saħħa pubblika bil-liġi nazzjonali. F'dan il-każ hemm relazzjoni mill-qrib bejn min jipproduċi u l-konsumatur. Prodotti bħal dawn m'għandhomx jagħmlu kontribuzzjoni importanti fuq il-medja tal-prevalenza ta' Zoonitiċi fil-popolazzjoni ta'l-annimali fil-komunità kollha.Il-ħtiġiet ġenerali għall-kampjunaġġ u analiżi jistgħu ma jkunux prattici u kif suppost għalmin jipproduċi b'ammont zgħir ta'

([1]) ĠU C 304 E, tat-30.10.2001, p. 260.
([2]) ĠU C 94, tat-18.04.2002, p. 18.
([3]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-15 ta' Mejju 2002 (ĠU C 180 E, tal-31.7.2003, p. 160), Kunsill tal-Pożizzjoni Komuni ta' l-20 Frar 2003 (ĠU C 90 E, tal-15.4.2003, p. 25) u posiżżjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Ġunju 2003 (għadu mhux ippubblikat fil-Gurnal Uffiċjali). Deċiżjoni tal-Kunsill tad- 29 Settembru 2003.

▼B

annimali li jistgħu jiġu mqiegħda f'reġjunijiet li jsofru minn trażżin ġeografiku

(6) Direttiva tal-Kunsill 92/117/KEE ta'17 Diċembru 1992 li jikkonċerna miżuri għall-protezżjoni kontra zoonotiċi speċifiċi u aġenti zoonotiċi speċifiċi f'annimali u prodotti li joriġinaw min annimali ħalli jinżammu tifqigħ ta' infezzjonijiet ta' l-ikel u intossikazzjonijiet ([1]) ipprovdut għall-istabbiliment ta' sistema ta' monitoraġġ għal ċerta zoonotiċi u kontroll fuq salmonella f'ċerta merħliet tat-tjur

(7) Id-Direttiva staqsiet Stati Membri biex jagħtu lill-Kummissjoni l-miżuri nazzjonali li kienu ħadu u l-għanijiet tad-direttiva u li jistabilixxu pjanijiet għall-moniteraġġ tas-salmonella fit-tjur. Madankollu, Direttiva tal-Kunsill 97/22/EC ([2]) tagħmel emenda għall Direttiva 92/117/KEE li tissospendi l-ħteġiet li mhux deċiża għar-reviżjoni ikkonsidrata fl-Artikolu 15a tad-Direttiva 92/117/KEE

(8) Numru ta' Stati Membri diġa poġġew il-pjanijiet tagħhom għall-moniteraġġ tas-salmonella li ġie approvat mill-Kummissjoni Barra minhekk l-Istati membri kollha kienu meħtieġa, b'effett mill-1 ta' Jannar 1998, li jtemmu l-miżuri minimi stabbiliti għas-salmonella fl-Anness II, Sezzjoni I għall Direttiva 92/117/KEE u li jistabbilixxu reġoli li jispeċifikaw il-miżuri li għandhom jiġu meħuda biex tevita l-introduzzjoni tas-salmonella fir-razzett

(9) il-miżuri minimi li jikkonċernaw il-moniteraġġ u l-kontroll tas-salmonella f'merħliet li jiġu mrobbija ta' l-ispeċji Gallus gallus Meta serotipi Salmonella enteritidis jew Salmonella typhimurium jiġu skoperti u konfermati f'kampjuni meħuda, Direttiva 92/117/KEE tistabbilixxi miżuri speċifiki għall-kontroll ta' infezzjoni

(10) Leġislazzjoni ta' Komunità oħra tipprovdi għall-moniteraġġ u kontroll ta' ċertu zoonotiċi f'popolazzjonijiet ta' l-annimali B'mod partikolari id-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE tas-26 ta'Ginju 1964 fuq problemi fuq is-saħħa ta' l-annimali ji jħallu effett fuq kummerċ intra-komunitarju f'annimali bovini u ħnieżer ([3]) li għandha x'taqsam ma tuberkolosi tal-bovini u brucellosi tal-bovini. Direttiva tal-Kunsill 91/68/KEE tat-28 ta Jannar 1991 fuq il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li jiggovernaw il-kummerċ intrakomunitarju f'nagħaġ ([4]) u għandha x' taqsam ma nagħag u bruċellosi tan-nagħaġ Dan ir-Regolament m'għandu joħloq l-ebda duplikat mhux neċessarju ta' dawn il-ħtiġiet

(11) Barra minhekk, liġi futura tal-komunità fuq Iġjene ta' l-ikel u elementi neċessarji għall-prevenżjoni, kontroll u moniteraġġ ta' aġenti zootoniċi u aġenti zootoniċi li jinkludu ħteġiet speċifiċi għall-kwalità ta' ikel mikrobijotiċi

(12) Direttiva 92/117/KEE ([5]) tipprovdi għall ġbir ta' informazzjoni fuq il-preżenza ta' zoonotiċi u aġenti zoonotiċi f'ikel, annimali, ikel u umani. Dik is-sistema ta' ġbir ta' informazzjoni, għalkemm m'hix armonizzata u għalhekk ma tħallix li jsir paragun bejn Stati membri, tipprovdi bażi għall-evalwazzjoni tas-sitwazzjoni kurrenti li tikkonċerna aġenti Zoonotiċi jew zoonotiku fil-komunità

([1]) ĠU L 62, tal-15.3.1993, p. 38. Direttiva kif emendata l-aħħar mir-Regolament tal-Kunsill (KE) No 806/2003 (ĠU L 122, tas-16.5.2003, p. 1).
([2]) ĠU L 113, tat-30.04.1997, p. 9.
([3]) ĠU C 121, tad-29.7.1964, p. 1977/64. Direttiva kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) No 1226/2002 (ĠU L 179, tad-9.7.2002, p. 13).
([4]) ĠU L 46, tad-19.2.1991, p. 19. Direttiva emendata l-aħħar bir-Regolament(KE) No 806/2003.
([5]) ĠU L 325, tat-12.12.2003, p. 31.

▼B

(13) Ir-riżultati tas-sistema ta' ġbir ta' informazzjoni juru li ċertu aġenti zoonotiċi, speċjalment Salmonella spp u Campylobacter spp jikkawżaw il-maġġoranza tal-każijiet ta' Zoonożi fl-umani. Jidher li qed ikun hemm anqas tendenza ta' Salmonella f'każijiet umani, b'mod partikolari minħabba Salmonella enteritidis u Salmonella typhimurium, li b'hekk jirrifletti s-suċċess ta' miżuri ta' kontroll relatati meħuda fil-komunità Madankollu wieħed irid ukoll jassumi li ħafna każijiet ma ġewx rappurtati u għalhekk l-informazzjoni miġbura mhux neċessarjament tagħti l-istampa kollha tas-sitwazzjoni.

(14) Fl-opinjoni tagħha fuq Zoonozi adottata fit-12 ta' April 2000, il-Kumitat Xjentifiku fuq miżuri veterinarji li għandhom x'jaqsmu mas-saħħa pubblika kunsidra li l-miżuri wżati waqt dak iż-żmien ta' kontroll ta' infezzjonijiet Zoonotiċi ma kienux suffiċjenti. Huwa anki ikkunsidrat li l-informazzjoni epidermologika li l-Istati Membri kienu qed jiġbru ma kenitx kompluta u ma setgħetx tiġi mqabbla. Bħala konsegwenza, l-Kumitat irrakkmanda arranġamenti ta' moniteraġġ aħjar u ghazliet ta' ġestjoni ta' riskju identifikati.

(15) Huwa għalhekk neċessarju li ittejjeb is-sistemi ta' kontroll eżistenti għall-aġenti zootnotiċi eżistenti. Fl-istess ħin il-liġijiet stabbiliti bid-Direttiva 2003/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 fuq il-moniteraġġ ta'aġenti Zoonoħi u Zoonotiċi, li jemendaw id-deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE u li jneħħu d-direttiva tal-Kunsill 92/117/KEE li jieħu post il-moniturağġ u ta' sistema ta' ġbir ta' informazzjoni stabbilita bid-Direttiva 92/117/KEE.

(16) Bi prinċipju l-kontrolli għandhom jikkonsidraw il-katina ta' l-ikel kollha, mir-razzett sal-mejda

(17) Ir-liġijiet li jirregolaw dawn il-kontrolli għandhom ġeneralment ikunu dawk stabbiliti taħt il-leġislazzjoni tal-komunità fuq ikel, saħħa ta' l-annimali u Iġjene ta' l-ikel

(18) Madankollu, għal certa żonożi u zonotiċi huwa neċessarju li jiġu stabbiliti ħtiġiet neċessarji għall-kontrolli

(19) Dawk il-ħtiġiet neċessarji għandhom ikunu bażati fuq it-tnaqqis ta' importanza ta' aġenti zonożi u zonotiċi.

(20) L-objettivi jridu jiġu stabbiliti għall-aġenti żonożi u żonotiċi f'popolazzjonijiet ta' l-annimali fejn, b'mod partikolari, jittiehed kont tal- frekwenza tagħhom u t-tendenza epidermjoloġiku f'popolazzjonijiet ta' annimali u umani, għalf u ikel, l-importanza għall-bniedem, konsegwenżi potenzali ekonomiċi, parir xjentifiku u l-ezistenza ta' miżuri xierqa għat-tnaqqis ta' din l-importanza. Objettiv jista' jiġi stabbilit b'konsiderazzjoni ta' partijiet oħra tal-katina ta' l-ikel, fejn neċessarju

(21) Biex tiżgura li dawn l-objettivi jinġiebu fi żmien xieraq, li l-komunità għandha tapprova, l-Istati-membri għandhom jistabbilixxu programmi ta' kontroll speċifiċi li l-komunità għandha tapprova.

(22) L-akbar responsabbilità għas-sigurtà ta' l-ikel għandha tkun fl-operaturi ta' l-ikel u l-għalf.L-Istati Membri għandhom għalhekk iħeġġu l-ħolqien ta' programmi ta' kontroll fuq kummerċ dinji.

(23) Bil-programmi ta' kontroll tagħhom l-Istati Membri u operaturi tal-kummerċ ta' għalf u ikel jistgħu juzaw metodi ta' kontroll ieħor. Madankollu, ċerti metodi jistgħu ma jkunux miġjuba b'mod partikolari jekk ifixklu l-kisba ta' objettiv b'mod ġenerali, jekk jindahlu speċifikament f'sistemi ta' testijiet neċessarji jew jagħtu bidu għal theddid lis-saħħa pubblika Proċeduri xierqa għandhom għalhekk ikunu stabbiliti li jgħinu lill-Komunità tiddeċiedi li ċerti metodi ta' kontroll m'għandhomx jiġu wżati bħala parti mill-programmi ta' kontroll.

▼B

(24) Metodi ta' kontroll jistgħu wkoll jeżistu jew ikunu żviluppati li ma jaqgħux taħt l-ebda liġi speċifika tal-komunità fuq approvazzjoni tal-prodott imma li jgħinu biex jakkwistaw l-objettivi għattnaqqis ta' l-importanza ta' aġenti Zonoži u zonotiċi speċifiki. Għandu, għalhekk ikun possibbli li japprova l-użu ta' metodi bħal dawn fuq livell ta' Komunità.

(25) Ikun essenzali li tiżgura li li *restocking* ta' l-annimali jseħħ minn merħla jew qatgħa li kienu suġġett għall-kontrolli bi ftehim malħtiġiet ta' dan ir-Regolament. Meta program ta' kontroll speċifiku qiegħed fis-seħħ, ir-riżultati ta' l-ittestjar għandhom ikunu mgħoddija għax-xiri ta' l-annimali Għal dak il-għan, ħtiġiet speċifici għandhom ikunu miżjuda mal-liġijiet li jikkorrispondu malkomunità fuq kummerċ intra-komunitarju u importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, b'mod partikolari fejn jidħlu kunsinni ta' annimali ħajjin u bajd qed ifaqqas. Direttiva 64/432/KEE, Direttiva tal-Kunsill 72/462/KEE tat-12 ta' Diċembru 1972 fuq saħħa u problemi ta' spezzjonijiet veterinarji fuq l-importazzjoni ta' annimali bovini u ħnieżer u laħam frisk minn pajjiżi terżi ([1]) u Direttiva tal-Kunsill 90/539/KEE tal-15 ta' Ottubru 1990 fuq kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li jiggvernaw kummerċ intrakomunitarju u importazzjonijiet minn pajjiżi terżi ta' tjur u bajd qed ifaqqas ([2]) għandhom ikunu emendati kif suppost

(26) L-adozzjoni ta' dan ir-Regolament m'għandhiex tħalli effett fuq il-garanziji miftiehma għall-Fillandja u l-Isvezja fuq l-aċċessjoni fil-komunità u konfermati mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/968/KE ([3]), 95/50/KE ([4]) 95/160/KE ([5]), 95/161/KE ([6]) 95/168/KE ([7]) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/409/KE ([8]) 95/410/KE ([9]) u 95/411/KE ([10]) Dan ir-Regolament għandu jipprovdi proċedura għas-sensja, għall-perjodu transitorju, għallgaranziji għal kull Stat Membru li approva l-programm nazzjonali tal-kontroll li jeċċedi l-minimu tal-ħtiġiet f'relazzjoni mas-salmonella. Ir-riżultati ta' testijiet fuq annimali ħajjin u bajd qed ifaqqas f'kummerċ ma tali Stat Membru għandhom jimxu mal-kriterji stabbiliti fil-programm nazzjonali ta' kontroll.Leġislazzjoni futura tal-komunità fuq regoli ta' Iġjene għall-ikel ta' oriġini ta' l-annimali għandha tipprovdi proċeduri simili b'rispett tal-laħam u bajd ta' fuq il-mejda.

(27) Pajjiżi terzi li jesportaw fil-Komunità għandhom jimplimentaw miżuri ekwivalenti fuq il-kontroll ta' żonoži u fl-istess ħin bħala miżura huma applikati fil-komunità.

(28) Fejn jidħol kontroll fuq salmonella, informazzjoni disponibbli turi li prodotti tat-tajr huma sors maġġuri ta' salmonellosis talbniedem. Miżuri ta' kontroll għandhom għalhekk ikunu applikati għall-produzzjoni ta' dawk il-prodotti, għalhekk jestendi l-miżuri mibdija taħt Direttiva 92/117/KEE. Fejn tidħol il-produzzjoni ta' bajd tal-mejda, huwa importanti li jiġu stabbiliti miżuri speċifici li jikkonċernaw il-pozizzjoni fuq is-suq ta' prodotti li joriġinaw

([1]) ĠU L 302, tal-31.12.1972, p. 28. Direttiva l-aħħar emendata bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) No 807/2003 (ĠUL 122, tas-16.5.2003, p. 36).
([2]) ĠU L 303, tal-31.10.1990, p. 6. Direttiva l-ahhar emendata minn Regolament (KE) Nru. 806/2003.
([3]) ĠU L 371, tal-31.12.94, p. 36.
([4]) ĠU L 53, tad-9.03.1995, p. 31.
([5]) ĠU L 105 tad-9.5.1995, p. 40. DEĊIŻJONI kif l-aħħar emendata Nru 97/278KE (ĠUL 110, tas-26.4.1997, p. 77).
([6]) ĠU L 105, tad-9.5.1995, p. 44. DEĊIŻJONI kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 97/278/KE.
([7]) ĠU L 109, tas-16.5.1995, p. 44. DEĊIŻJONI kif emendata l-aħħar bid-deċiżjoni nru 97/278/KE.
([8]) ĠU L 243, tal-11.10.1995, p. 21. DEĊIŻJONI Nru kif emendat l-aħħar bid-Deċiżjoni Nru 98/227/KE (ĠU L 87, tal-21.3.1998, p. 14).
([9]) ĠU L 243, tal-11.10.1995, p. 25. DEĊIŻJONI Nru kif emendat l-aħħar bid-deċiżjoni 98/227/KE.
([10]) ĠU L 243, tal-11.10.1995, p. 29. DEĊIŻJONI Nru kif emendat l-aħħar bid-deċiżjoni 98/227/KE.

▼B

minn merħliet li ġew ittestjati u li m'għandhomx salmonella. Fejn jidħol laħam tat-tjur, il-mira hi li jitpoġġa fuq is-suq laħam tat-tajr b'assigurazzjoni raġunevoli li hija ħielsa minn salmonella relevantiPerjodu transitorju huwa neċessarju biex operaturi talkummerċ ta' l-ikel jaddottaw il-miżuri ikkonsidrati, li jistgħu jiġu adottati il quddiem b'mod partikolari fid-dawl ta' testjar ta' riskji xjentifiċi

(29) Huwa xieraq li jiġu innominati laboratorji ta' referenza tal-komunità biex jagħtu gwida u assistenza fuq sitwazzjinijiet li jaqgħu taħt l-iskop ta' dan ir-Regolament

(30) Biex tiżgura l-applikazzjoni uniformi ta' dan ir-Regolament, dispożizzjonijiet għandhom ikunu magħmulha għall-organizzazzjonijiet tal-komunità u spezzjonijiet bi ftehim ma leġislazzjonijiet ta' komunitajiet oħra f'dan il-qasam

(31) Proċeduri xierqa għandhom jiġu stabbiliti biex jemendaw ċerta dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament biex jikkonsidra progress tekniku u xjentifiku u għall-addozzjoni ta' implimentazzjoni u miżuri transitorji

(32) Biex jikkonsidraw progress tekniku u xjentifiku, kooperażżjoni mill-viċin u effettiva għandha tkun żgurata bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri ġewwa l-Kumitat wieqaf stabbilit mir-Regolament (KE) No 178/2002 ([1]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 Jannar 2002 li tniżżlu l-prinċipji ġenerali u ħtiġiet għal-liġi ta' l-ikel, li jistabilixxu l-awtorità tas-sigurtà ta' l-ikel flimkien ma' proċeduri u ħtiġiet f'suġġetti għas-sigurtà ta' l-ikel

(33) Il-miżuri meħtieġa sabiex jiġi implimentat dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati b'mod konformi mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta Ġunju 1999 li tippreskrivi l-proċeduri sabiex jiġu eżerċitati l-poteri ta' implimetazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni ([2]),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Il-KAPITOLU I

DISPOSIZZJONIJIET TA' INTRODUZZJONI

Artikolu 1

Suġġett u skop

1. Ir-raġuni ta' dan ir-Regolament huwa biex tiżgura li l-miżuri effettivi huma meħudin biex jiċċekkjaw u jikkontrollaw is-salmonella u aġenti zonotiċi oħra f'kull stadju relevanti tal-produzzjoni, proċess u distribuzzjoni, partikolarment fil-livell ta' prodotti primarji, li jinkludi għalf, biex jiġi mnaqqas l-importanza tagħhom u r-riskju li jsostnu għall-pubbliku

2. Dan ir-Regolament jikkonsidra

(a) L-adozzjoni ta' versalli għat-tnaqqis ta' l-importanza ta' żonożi speċifiċi fil-popolazzjoni ta' l-annimali

(i) fil-livell ta' produzzjoni primarja

(ii) meta xieraq għall-aġenti żonożi jew żonotiċi ikkonċernati fi stadji oħra tal-katina ta' l-ikel li tinkludi l-għalf

(b) l-approvazzjoni ta' programmi ta' kontroll speċifiku stabbilita mill-Istati Membri u operaturi ta' ikel u għalf

([1]) ĠU L 31, ta[rsquo] l-1.02.2002, p. 1.
([2]) ĠU L 184, tas-17.07.1999, p. 23.

▼B

(ċ) l-addozzjoni ta' liġijiet speċifici li jikkonċernaw ċerti metodi ta' kontroll applikati fit-tnaqqis ta' importanza ta' żonożi u żonotiċi

(d) l-addozzjoni ta' liġijiet li jikkonċernaw kummerċ intra-komunitarju u importazzjoni minn pajjiżi terżi jew ċerti annimali u prodotti ta' dan.

3. Dan ir-Regolament m'għandux japplika lill-produzzjoni primarja

(a) għall-użu domestiku u privat

(b) li twassal għall-provvista diretta, mill-produttur ta' kwantitajiet zgħar ta' prodotti primarji għall-konsumatur finali jew stabbiliment ta' ħwienet lokali li direttament jissupplixxu l-prodotti primarji għall-konsumatur finali

4. L-Istati Membri jistabbilixxu taħt liġi nazzjonali, liġijiet li jiggvernaw l-attivitajiet li hemm riferenza għalihom fil-paragrafu 3(b) Dawn il-liġijiet nazzjonali għandhom jiżguraw li l-għanijiet ta' dan ir-Regolament huma milħuqa

5. Ir-Regolament għandu japplika mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet aktar speċifiċi tal-komunità fuq saħħa ta' l-annimali, nutrizzjoni ta' l-annimali, iġjene ta' l-ikel, mard uman li jista' jiġi trasmess, saħħa u sigurtà fil-post tax-xogħol, teknoloġija tal-ġeni u encephalopathies spongiform li jista jiġi trasmess

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw it-tifsiriet li ġejjin:

1. Id-definizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (KE) No 178/2002

2. Id-definizzjonijiet stabbiliti fir-Direttiva 2003/99/KE

3. Id-definizzjonijiet li ġejjin

(a) "merħla" tfisser annimali jew ġruppi ta' annimali miżmuma f'razzett bħala qasam epidermiologiku u,

(b) "merħla" tfisser kull tajr ta' l-istess stat ta' saħħa miżmum fuq il-post jew fl-istess post u li jagħmel unita epidermjologika waħda, fil-każ ta' tajr li jinżamm ġewwa, li jinkludi għasafar li jaqsmu l-istess arja.

Artikolu 3

Awtoritajiet kompetenti

1. Kull Stat Membru għandu jinnomina awtorità kompetenti jew awtoritajiet kompetenti għar-Raġuni ta' dan ir-Regolament u li jinnotifika n-notifika ta'dan. Jekk Stat Membru jinnomina iktar minn awtorità kompetenti waħda, huwa għandu

(a) jinnotifika lill-kummissjoni ta' l-awtorità kompetenti li għandu jaġixxi bħala punt ta' kuntatt għall kuntatti mal-kummissjoni u

(b) jiżgura li l-awtoritajiet kompetenti jikkooperaw biex jagħmlu garanzija ghall-implimentazzjoni tal-ħtiġiet ta' dan ir-Regolament.

2. L-awtorità lokali kompetenti jew awtoritajiet għandhom ikunu responsabbli partikolarment għall-

(a) istabbiliment ta' programmi li hemm dispożizzjonijiet għalihom fl-Artikolu 5(1) u jippreparaw emendi li huma neċessarji, b'mod partikolari fid-dawl ta' informazzjoni u r-riżultati miġjuba

▼B

(b) il-ġbir ta' informazzjoni neċessarja għall-evalwazzjoni tal-mezzi użati u r-riżultati miġjuba fl-istħarriġ tal-programmi ta' kontroll nazzjonali li hemm provdut għalihom fl-Artikolu 5 u għas-sottomissjoni ta' dik l-informazzjoni u r-rizultati annwali, li jinkludu r-riżultati ta' stħarriġ neċessarju, għall-kummissjoni, ikkunsidraw ir-regoli stabbiliti wara l-Artikolu 9(1) tar-Direttiva 2003/99/KE

(ċ) stħarriġ ta' iċċekkjar regolari fuq il-post ta' ikel u, jekk hemm bżonn, kummerċ ta' ikel għar-raġunijet ta'qbil ma dan ir-Regolament

Il-KAPITOLU II

VERSALLI TAL-KOMUNITA

Artikolu 4

Versalli tal-komunità għat-tnaqqis ta' l-importanza ta' aġenti żonożi u żonotiċi

1. Versalli tal-komunità għandhom jiġu stabbiliti għat-tnaqqis ta' l-importanza ta' aġenti żonożi u żonotiċi li hemm fil-lista ta' l-Anness I, Kolonna 1, fil-popolazzjoni ta' annimali li hemm fil-lista f'L-Anness I, Kolonna 2, ikkonsidrati b' mod patikolari

(a) l-esperjenza miġjuba taħt miżuri nazzjonali eżistenti,u

(b) informazzjoni mibgħuta lill-kummissjoni jew lill-awtorità tas-sigurtà ta' l-ikel ewropew taħt il-ħtiġiet tal-komunità eżistenti, b'mod partikolari fl-iskema ta' informazzjoni provduta għaliha fid-Direttiva 2003/99/KE, b'mod partikolari l-Artikolu 5 ta' dawn il-versalli u kull emenda għandha tiġi stabbilita fi ftehim mal-proċedura li hemm riferenza għaliha fl-Artikolu 14(2).

▼M5

Il-miri, u kwalunkwe emendi għalihom, għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, inter alia, billi jissupplimentawh għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 14(3).

▼B

2. Il-versalli li hemm riferenza għalihom fil-paragrafu 1 għandhom jikkonsistu mill-inqas minn

(a) espressjoni numerika ta'

(i) il-percentwali massima ta' unita epidermjoloġika li jibqgħu pozittivi, u/jew

(ii) il-percentwali minima ta' tnaqqis fin-numru ta' unitajiet epidermjologiċi li jibqgħu pozittivi

(b) il-limitu ta' ħin massimu f'liema il-versall għandu jiġi akkwistat

(ċ) id-definizzjoni ta' l-unitajiet epidermjologiċi li hemm referenza għaliha f'

(d) definizzjoni ta' skemi ta' testjar neċessarji biex jiġu verifikati l-akkwist ta'dan il-versall

(e) id-definizzjoni, fejn relevanti ta serotipi b'tifsira importanti għas-saħħa pubblika jew ta' sub-tipi oħra ta' aġenti zonożi u żonotiċi li hemm fil-lista f'L-Anness 1, Kolonna 1, ikkonsidrat il-kriterji ġenerali li hemm fil-lista ta' paragrafu 6(ċ) u kull kriterju speċifiku stabbilit f'L-Anness III

3. Versall tal-komunità għandu jiġi stabbilit għall-ewwel darba qabel id-dati relevanti indikati fl-Anness I, Kolonna 4

▼B

4. (a) Meta definit f'kull versall tal-komunità, l-kummissjoni għandha tipprovdi analiżi ta' l-infiq u l-benefiċċji Din l-analiżi għandha tikkonsidra, b'mod partikolari, l-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 6(ċ) L-Istati Membri għandhom, fuq talba, jipprovdu lill-Kummissjoni bl-assistenza neċessarja biex tippermetti l-preparazzjoni ta' l-analiżi

(b) Qabel il-proposta ta' kull versall fil-komunità, l-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-Istati Membri ġewwa l-komunità b'riferenza għaliha fl-Artikolu 14(1) fuq ir-riżultati ta' l-analiżi

(ċ) Fid-dawl tar-riżultati ta' l-analiżi u l-konsultazzjoni ta' l-Istati Membri, l-Kummisjoni għandha tipproponi versalli tal-komunità fejn suppost

5. Madankollu, bħala deroga mill-paragrafu 2(e) u 4, il-liġijiet li jmiss għandhom japplikaw għal tjur għal perjodu transitorju

Il-versall tal-komunità stabbilit għall-merħliet li jiġu mrobbija ta' *Gallus gallus* għal perjodu transitorju għandhom ikopru l-ħames serotipi l-aktar frekwenti ta' salmonella f'salmonellosi umana li għandha tkun identifikata fuq bażi ta' informazzjoni miġbura permezz ta' sistemi ta' monitoraġġ tal-KE. Il-versall tal-komunità stabbilit għal tiġieġ li jbidu, u dundjani għall-perjodu transitorju għandu jkopri *salmonella enteritidis* u *salmonella typhimurium*. Madankollu, jekk neċessarju, dawn il-versalli jistgħu jiġu estiżi għall serotipi oħra fuq il-bażi ta' riżultati ta' analiżi mmexxija bi ftehim ma paragrafu 4.

Il-perjodu transitorju għandu japplika għal kull versall tal-komunità għat-tnaqqis ta'l-importanza tas-salmonella fl-għasafar. Għandu jdum tlett snin b'kull każ jibda mid-data msemmija f'kolonna 5 ta' l-Anness I.

6. ►M5 (a) L-Anness I jista' jkun emendat mill-Kummissjoni għal raġunijiet li hemm fil-lista f'punt (b), wara li jiġu kkunsidrati b'mod partikolari l-kriterji fil-lista ta' punt (c). Dawk il-miżuri mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 14(3). ◄

(b) Emendi għall-Anness 1 jistgħu jbiddlu l-iskop tal-ħtiġiet, fejn jidħol l-istabbiliment ta'versalli tal-komunità billi jissupplimentaw restrizzjonijet u tibdil

(i) ta aġenti żonożi u żonotiċi;

(ii) l-istadji tal-katina ta' l-ikel, u/jew

(iii) il-popolazzjoni ta' l-annimali konċernati

(ċ) Il-kriterji konċernati qabel emenda Annex I jinkludu b'rispett għall-aġenti żonożi u żonotiċi konċernati

(i) il-frekwenza f'popolazzjoni ta' l-annimali u umani għall-ikel jew għalf

(ii) il-gravità ta' l-effett tagħha għall-umani

(iii) il-konsegwenzi għas-saħħa ta' l-annimali u umani u għall-kura ta' ikel u kummerċ ta' ikel

(iv) tendenza epidermjologika f'popolazzjonijiet ta' annimali u umani, ikel u għalf

(v) Parir xjentifiku;

(vi) Żvilupp teknologiku, li għandu x'jaqsam partikolarment mal-prattika tal-kontroll ta' l-ghazliet disponibbli, u

(vii) ħtiġiet u tendenzi li jikkonċernaw is-sistema ta' tkabbir u metodi ta' produzzjoni

▼M5

7. L-Anness III jista' jkun emendat jew miżjud mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 14(3).

▼B

8. Il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-implimentazzjoni tal-komunità u tikkonsidra din ir-reviżjoni meta tipproponi iktar versalli

9. Miżuri meħuda biex titnaqqas iż-żieda ta' aġenti żonożi u żonotiċi li hemm fil-lista ta' l-Anness I għandhom ikunu implimentata bi ftehim mal-liġijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament u kull liġi adottata wara dan.

Il-KAPITOLU III

PROGRAMMI TA' KONTROLL

Artikolu 5

Programmi ta' kontroll nazzjonali

1. Biex jinkisbu l-Versalli tal-komunità, li hemm provdut għalihom fl-Artikolu 4 Stati Membri għandhom jistabbilixxu programmi ta' kontroll nazzjonali għal kull aġent ta' żonożi u żonotiċi li hemm fil-lista ta' l-Anness 1. Programmi ta' kontroll nazzjonali għandhom ikollhom konsiderazzjoni għad-distribuzzjoni geografika ta' żonożi f'kull stat membru u l-implikazzjonijiet finanzjarji għall-prodotturi primarji u operaturi ta' ikel u għalf li jistabilixxu kontrolli effettivi

2. Programmi ta' kontroll nazzjonali għandhom ikunu kontinwi u jkopru perjodu ta' mill-inqas tlett snin konsekuttivi

3. Programmi ta' kontroll nazzjonali għandhom

(a) jipprovdu għall-iskoperta ta aġenti żonożi u żonotiċi bi ftehim mal-ħtiġiet u liġijiet minimi ta' kampjunaġġ stabbiliti fl-Anness II

(b) jipprovadu definizzjoni tar-responsabbilitajiet rispettivi ta' l-awtoritajiet kompetenti u operaturi ta' ikel u għalf

(ċ) jispeċifikaw il-miżuri ta' kontroll li għandhom jiġu meħuda wara l-iskoperta ta' aġenti żonożi u żonotiċi, b'mod partikolari li jipproteġu s-saħħa pubblika u li jinkludi l-implimentazzjoni ta' miżuri speċifiċistabbiliti f'L-Anness II

(d) jippermettu l-progress taħt id-dispożizzjonijiet tagħhom biex jiġu evalwati u għall-dawk il-programmi li jridu jiġu reviżjonati b'mod partikolari fid-dawl tar-riżultati miġjuba mill-iskoperti ta' aġenti żonożi u żonotiċi

4. Programmi ta' kontroll għandhom jkopru għall-inqas l-istadji talkatina ta' l-ikel li ġejjin:

(a) Prodotti ta' l-ikel

(b) prodotti ta' annimali primarji

(ċ) Proċess u preparazzjoni ta' ikel u oriġini taànnimali

5. Programmi ta' kontroll nazzjonali għandhom ikollhom, fejn relevanti, d-dispożizzjonijiet stabbiliti f'relazzjoni mal-metodi ta' testjar u kriterji fejn ir-rizultati ta' dawn it-testijiet jistgħu jkunu kunsidrati, għallittestjar fuq annimali u bajd li jfaqqas imqassma fit-territorju nazzjonali, bħala parti mill-kontrolli uffiċjali provduti f'L-Anness II, parti A

▼M5

6. Il-ħtiġijiet u l-liġijiet minimi ta' kampjunaġġ stabbiliti fl-Anness II jistgħu jkunu emendati, adattati jew miżjuda mill-Kummissjoni wara li jiġu kkunsidrati b'mod partikolari l-kriterji elenkati f'punt (c) tal-Artikolu 4(6). Dawk il-miżuri mfassla biex jemendaw l-elementi mhux

▼M5

essenzjali ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 14(3).

▼B

7. F'sitt xhur ta' l-istabbiliment tal-versalli tal-komunità provduti għalihom fl-Artikolu 4, Stati Membri għandhom jissottomettu programmi ta' kontroll nazzjonali lill-Kummissjoni u jistabbilixxu miżuri li jridu jiġu implimentati

▼M2

Għall-Bulgarija u r-Rumanija, jekk id-data tal-preżentazzjoni tal-programmi nazzjonali ta' kontroll għall-Istati Membri l-oħrajn diġà għaddiet, id-data tal-preżentazzjoni għandha tkun id-data ta' l-adeżjoni.

▼B

Artikolu 6

Approvazzjoni tal-programmi ta' kontroll nazzjonali

1. Wara li l-Istati Membri jissottomettu Programmi ta' kontrolli nazzjonali bi ftehim ma' l-Artikolu 5, il-Kummissjoni għandha jkollha xahrejn biex tirrikjedi aktar informazzjoni rilevanti u neċessarja mill-Istati Membri L-Istati Membri għandhom jipprovdu aktar informazzjoni fix-xahrejn wara li jirċievu din it-talba.Il-Kummissjoni għandha fi żmien xahrejn milli tirċievi aktar informazzjoni jew, jekk ma staqsietx għal din l-informazzjoni, fi żmien sitt xhur tas-sottomissjoni tal-programm ta' kontroll, tistabbilixxi jekk timxix mar-reġoli relevanti, inkluz dan ir-Regolament partikolari

2. Meta l-Kummissjoni tistabbilixxi l-konformità tal-programmi nazzjonali ta' kontroll jew fuq rikjesta ta' l-Istat Membru li għamlet is-sottomissjoni, il-programm għandu jkun ikkonsidrat mingħajr dewmien mhux neċessarju b'ħarsien biex japprova l-ftehim mal-proċedura b'riferenza għaliha fl-Artikolu 14(2)

3. Emendi għall-programm approvati min qabel wara paragrafu 2 jistgu jkunu approvati, bi ftehim mal-proċeduri li hemm riferenza għalihom fl-Artikolu 14(2) li jikkonsidraw l-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni fl-Istat Membru ikkonċernat, b'mod partikolari fid-dawl tar-riżultati li hemm riferenza għalihom fl-Artikolu 5(3)(d)

Artikolu 7

Programmi ta' kontroll tal-operaturi ta' l-ikel u għalf

1. Ikel u għalf għall-operaturi ta' l-ikel jew organizzazzjonijiet li jirrapprezentaw dawn l-operaturi, jistgħu jistabbilixxu programmi ta' kontroll, li jkopru kemm hu possibbli, kull stadju ta' produzzjoni, proċess u distribuzzjoni

2. Jekk jixtiequ li l-programmi ta' kontroll jiffurmaw parti mil-programm ta' kontroll nazzjonali, operaturi ta' ikel u għalf, jew l-organizzazzjonijiet li jirrapprezentawhom, għandhom jissottomettu il-programmi ta' kontroll u kull emenda, lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri fejn ikunu allokati biex jiġu mistoqsija domandi. Jekk l-operazzjonijiet ikkonċernati jseħħu fi Stati Membri differenti, l-programmi għandhom ikunu approvati separatament għall kull Stat Membru

3. L-awtorità lokali kompetenti tista' tapprova programmi ta' kontroll li jkunu sottomessi wara paragrafu 2 biss jekk tkun sodisfatta li l-programmi ta' kontroll jimxu mal-ħtiġiet neċessarji stabbiliti fl-Anness II u bl-għanijiet tal-progrommi ta' kontroll nazzjonali

4. L-Istati Membri għandhom iżommu listi aġġornati tal-programmi ta' kontroll approvati ta' l-operaturi ta' ikel jew għalf jew l-organizzazzjonijiet li jirrapprezentawhom. Il-listi għandhom ikunu disponibbli għall-Kummisjoni fuq talba.

▼B

5. Operaturi kummerċjali ta' ikel u għalf jew l-organizzazzjonijiet li jirrapprezentawhom għandhom jikkomunikaw b'mod regolari r-riżultati tal-programmi ta' kontroll tagħhom lill-awtoritajiet kompetenti

KAPITOLI IV

METODI TA' KONTROLL

Artikolu 8

Metodi ta' kontroll speċifiku

1. ►M5 Fuq inizjattiva tal-Kummissjoni jew fuq talba ta' Stat Membru: ◄

(a) Jista jkun deċiż li kontrolli speċifiċi jistgħu jkunu applikati għat-tnaqqis ta' l-importanza ta' aġenti żonożi u żonotiċi fl-istadju tal-produzzjoni primarja ta' annimali u stadji oħra tal-katina ta' l-ikel

(b) Liġijiet jistgħu jiġu addottati fejn jikkonċernaw il-kundizzjonijiet għall-użu ta' emtodi li jirreferu għall sub-paragrafu (a)

(ċ) Liġijiet dettaljati jistgħu jkunu adottati għall-metodi li hemm riferenza għalihom f'sub-paragrafu (a)

(d) Jista jkun deċiż li ċerti metodi speċifiċi ta' kontroll m'għandhomx ikunu wżati bħala parti mill-programmi ta' kontroll

▼M5

Dawk il-miżuri mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 14(3).

▼B

2. Id-dispożizzjonijiet li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 1(a) u (b) m'għandhomx japplikaw għall-metodi li jutilizzaw sustanzi jew teknikalitajiet ikkonsidrati mil-leġislazzjoni tal-komunità fuq nutrizzjoni ta' l-annimali, adittivi ta' l-ikel u prodotti mediċinali veterinarji

Il-KAPITOLU V

KUMMERC

Artikolu 9

Sengħa Intra-Komunitarja

1. Mill-informazzjoni msemmija fl-Anness 1, kolonna 5 l-aktar tard, merħliet u ġemgħat ta' oriġini ta' speċje mnizzla f'kolonna 2 għandhom ikunu testjati għall-aġenti żonożi u żonotiċi li qegħdin fil-lista f'kolonna 1 qabel kull tqassim ta' animali ħajjin, jew bajd qed ifaqqas, mill-post ta' kummerċ ta' oriġini. Id-data u r-riżultat ta' l-ittestjar għandhom jinkludu ċertifikati tas-saħħa rilevanti li hemm provdut għalihom fil-leġislazzjoni tal-komunità

2. L-Istati Membri ta' destinazzjoni għandhom, fi qbil mal-proċedura li hemm riferenza għalihom fl-Artikolu 14(2), jkunu awtorizzati għal perjodu transitorju li jirrikjedi li r-rizultati tat-testijiet li hemm riferenza għalihom fiċ-ċertifikati tas-saħħa tal-kunsinni ta' annimali u bajd qed ifaqqas suġġett għall-ittestjar fl-Istati Membri ta' tqassim li jtemm l-istess kriterji fejn tidħol salmonella u dawk stabbiliti taħt programm nazzjonali approvat bi ftehim ma l-Artikolu 5(5) għal-kunsinni mqassma fit-territorju

L-awtorizzazzjoni tista tkun miġbuda bi ftehim ma l-istess proċedura

▼B

3. Il-miżuri speċjali li jikkonċernaw is-salmonella li japplikaw għall-annimali ħajjin mqassma lill-Fillandja u l-Isvezja qabel ma daħal fis-seħħ dan ir-Regolament jkomplu japplikaw bħallikieku kienu awtorizzati fi ftehim mal-paragrafu 2.

▼M5

4. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5(6), liġijiet speċifiċi li jikkonċernaw l-organizzazzjoni ta' kriterji li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 5(5) u fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, jistgħu jkunu stabbiliti mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 14(3).

▼B

Artikolu 10

Importazzjoni minn terzi pajjiżi

1. Mid-dati msemmja fl-Anness I, kolonna 5, l-ammissjoni jew żamma fuq il-listi ta' pajjiżi terżi provduti fil-leġislazzjoni tal-komunità, għall-ispeċi relevanti jew kategorija, minn liema Stati Membri huma awtorizzati biex jimportaw dawk l-annimali jew bajd li jfaqqas mgħotti b'dan ir-Regolament għandhom ikunu soġġetti għas-sottomissjoni lill-Kummissjoni minn pajjiżi terżi konċernati bi programmi ekwivalenti għal dawk provduti taħt l-Artikolu 5 u l-approvazzjoni tiegħu bi ftehim ma dan l-artikolu. Dan il-programm ghandu jaghti dettalji tal-garanti offruti minn dak il-pajjiz fir-rigward ta' spezzjonijiet u kontrolli ghal agenti żonożi u zoonotici. Dawk il-garanti jridu jkunu almenu ekwivalenti ghall-garanti previsti minn dan ir-Regolament. L-Ufficcju Veterinarju u ta' l-Ikel tal-Kummissjoni se jkun involut mill-qrib f' monitoragg biex jivverifika jekk jezistux programmi ta' kontroll ekwivalenti f' terzi pajjizi.

2. Dawn il-programmi għandhom ikunu approvati bi ftehim mal-proċeduri li hemm riferenza għalihom f''L-Artikolu 14(2) provdut li l-ekwivalenti tal-miżuri deskritti taħt il-programm bil-ħtiġiet rilevanti applikabbli taħt liġijiet tal-komunità tkun oġġettivament dimostrata. Garanziji alternattivi għal dawk provdut għalihom f'dan ir-Regolament jistghu jkunu permessi bi ftehim ma dik il-proċedura, bil-patt li ma jkunux iktar favorevoli minn dawk applikabbli għall-kummerċ intrakomunitarju

3. Għal terzi pajjiżi fejn kummerċ regolari huwa stabbilit, il-proviżjonijiet ta' l-Artikolu 5(7) u l-Artikolu 6(1) li jikkonċernaw perjodi ta' żmien għas-sottomissjoni u approvazzjoni ta' programmi għandhom japplikaw. Għall-pajjiżi terżi li jistabbilixxu jew jibdew kummerċ mill-gdid, il-perjodi ta' żmien li hemm provdut għalihom fl-Artikolu 6 għandu japplika

4. Merħliet u ġemgħat ta' oriġini u speċie li hemm fil-lista fl-Anness 1 kolonna 2, għandhom jiġu testjati qabel kull tqassim ta' annimali ħajjin jew bajd li jfaqqsu mill-post kummerċjali ta' oriġini. Merħliet u ġemgħat għandhom ikunu testjati għall-aġenti żonożi u żonotiċi li hemm fil-lista ta' l-Anness 1 kolonna C jew jekk neċessarju jiksbu l-għan ta' garanziji ekwivalenti stabbiliti fil-paragrafu 1, aġenti żonożi u żotoniċi li jistghu jkunu speċifikati fi ftehim mal-proċeduri li hemm riferenza għalihom fl-Artikolu 14(2). Id-data u r-riżultat ta' l-ittestjar għandhom ikunu inklużi fiċ-ċertifikati ta' importazzjoni rilevanti, għal liema mudelli li ġew stabbiliti mill-komunità jkunu emendati kif ġej.

▼M5

5. L-Istat Membru tad-destinazzjoni finali jista' jkun awtorizzat, f' konformità mal-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 14(2), li jirrikjedi perjodi ta' tranżizzjoni sabiex ir-riżultati tal-ittestjar li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu jaderixxu mal-istess kriterji bħal dawk stabbiliti taħt il-programm nazzjonali tiegħu,

▼M5

bi ftehim mal-Artikolu 5(5). L-awtorizzazzjoni tista' tkun irtirata u, mingħajr preġudizzju lill-Artikolu 5(6), liġijiet speċifiċi li jikkonċernaw kriterji bħal dawn jistgħu jkunu stabbiliti mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 14(3).

▼B

6. Ammissjoni u zamma fuq il-listi ta' pajjiżi terżi li hemm provdut għalihom fil-leġislazzjoni tal-komunità, għall-kategoriji rilevanti ta' prodotti, minn liema Stati Membri huma awtorizzati biex jimportaw dawn il-prodotti koperti min dan ir-Regolament għandhom ikunu suġġetti għas-sottomissjoni lill-Kummissjoni mit-tielet pajjiż ikkonċernat tal-garanziji ekwivalenti għal dawk ipprovduti għalih f'dan ir-Regolament

Il-KAPITOLU VI

LABORATORJI

Artikolu 11

Referenza tal-laboratorji

1. Laboratorji tal-komunità għall-analiżi u testjar ta' kolonna 1, għandhom jinhatru bi qbil mal-proċedura li hemm riferenza għaliha fl-Artikolu 14(2).

▼M5

2. Ir-responsabbiltajiet u x-xogħol tal-laboratorji ta' referenza tal-Komunità, b'mod partikolari rigward il-koordinazzjoni tal-attivitajiet tagħhom u dawk tal-laboratorji ta' referenza nazzjonali, għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 14(3).

▼B

3. L-Istati Membri għandhom jinnominaw Laboratorji nazzjonali ta' referenza għal analiżi u testjar ta' aġenti żonożi u żonotiċi fil-lista ta' l-Anness 1 kolonna 1. L-ismijiet u l-indirizz tal-laboratorji għandhom ikunu mgħarrfa lill-Kummissjoni

▼M5

4. Ċerti responsabbiltajiet u xogħlijiet tal-laboratorji ta' referenza nazzjonali, b'mod partikolari meta tidħol koordinazzjoni tal-attivitajiet tagħhom u dawk ta' laboratorji rilevanti fi Stati Membri nnominati taħt il-punt (a) tal-Artikolu 12(1), jistgħu jkunu stabbiliti mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 14(3).

▼B

Artikolu 12

Approvazzjoni tal-laboratorji, ħtiġiet tal-kwalità u approvazzjoni ta' metodi ta' testjar

1. Laboratorji li jipparteċipaw fi programmi ta' kontroll wara l-Artikoli 5 u 7 għal raġunijiet ta' analiżi ta' kampjuni biex issir ezami għall-prezenza ta' aġenti żonożi u żonotiċi b'referenza għall-Anness 1, kolonna 1

(a) biex ikunu nominati minn awtorità kompetenti u

▼B

(b) japplikaw sistemi ta' assigurazzjoni tal-kwalità li jikkonformaw ma EN/ISO l-aktar tard fi żmien 24 xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jew fi żmien 24 xahar b'żidea ta aġenti ġodda ta' żonożi u żonotiċi lill-Anness 1 Kolonna 1

2. Laboratorji għandhom jipparteċipaw b'mod regolari f'ittestjar kollaborattiv jew koordinat mil-laboratorju ta' referenza nazzjonali

3. L-ittestjar għall-preżenza ta' aġenti żonożi u żonotiċi li hemm referenza għalihom f'L-Anness 1, kolonna 1, għandu jsir bl-użu tal-metodi u protokoll irrakkmandat mill-korp ta' livell internazzjonali, bħala metodu ta' referenza

Metodi alternattivi jistgħu jiġu wżati jekk ġew validati bi ftehim ma liġijiet li ġew mgħarrfa mill-aspett internazzjonali u joffru riżultati ekwivalenti għal dawk miġjuba bil-metodu ta' referenza rilevanti

▼M5

Fejn neċessarju, metodi oħra għall-ittestjar jistgħu jiġu approvati mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 14(3)

▼B

Il-KAPITOLU VII

IMPLIMENTAZZJONI

▼M5

Artikolu 13

Miżuri tranżitorji u ta' implimentazzjoni

Il-Kummissjoni tista' tadotta miżuri tranżitorji u ta' implimentazzjoni xierqa, li jinkludu l-emendi neċessarji għaċ-ċertifikati ta' saħħa rilevanti. Miżuri tranżizzjonali ta' kamp ta' applikazzjoni ġenerali mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, anke dawk li jissupplimentawh biż-żieda ta' elementi ġodda mhux essenzjali, partikolarment speċifikazzjonijiet ulterjuri tar-rekwiżiti stipulati fid-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 14(3).

Miżuri oħra ta' implimentazzjoni jew ta' tranżizzjoni jistgħu jiġu adottati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 14(2).

▼B

Artikolu 14

Proċedura tal-Kumitat

1. Il-Kummissjoni tkun megħjuna mill-kumitat stabbilit għall-Katina ta' l-Ikel u Saħħa ta' l-Annimali mwaqqaf mir-Regolament (KE) No 178/2002 (minn hawn il quddiem riferut bħala 'il-Kumitat')

2. Fejn issir riferenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, wara li jkunu kunsidrati d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perjodu ta' żmien preskritt fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

▼M5

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4), u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

▼B

Artikolu 15

Konsultazzjoni lill-Awtorita Ewropea ghal Sigurta ta' Ikel

Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-Awtorità Ewropea ghal Sigurtà ta' Ikel fuq kull affari fil-mira ta'dan ir-Regolament li jista jkollha impatt sinjifikanti fuq saħħa pubblika u b'mod partikolari qabel ma tipproponi versalli tal-komunità bi ftehim ma l-Artikolu 4 jew metodi ta' kontroll speċifiku bi ftehim ma l-Artikolu 8.

Artikolu 16

Rapport fuq arranġamenti finanzjarji

1. Il-Kummissjoni għandha, fi żmien tlett snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, tagħti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

2. Ir-rapport għandu jiddiskuti:

(a) L-arranġamenti li jseħħu, fil-komunità u livell nazzjonali, għall-miżuri ta' finanzi meħudin biex jikkontrollaw aġenti żonożi u żonotiċi, u

(b) l-effett li dawn l-arranġamenti jkollhom fuq l-effettività ta' dawk il-miżuri.

3. Il-Kummissjoni għandha fejn xieraq takkumpanja r-rapport tagħha bi proposti rilevanti.

4. L-Istati Membri għandhom fuq talba, jipprovdu lill-Kummissjoni bl-assistenza kollha neċessarja biex tkun tista tipprepara r-rapport.

Il-KAPITOLU VIII

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI U FINALI

Artikolu 17

Kontrolli tal-Komunità

1. Esperti mill-Kummissjoni ser jagħmlu kontrolli fuq il-post b'kooperazzjoni ma' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, halli jiżguraw li l-proviżjonijiet ta' dan ir-Regolament, reġoli addattati li jsegwu u xi miżuri ta' sigurtà huma applikati b'mod uniformi. Stat Membru fuq liema territorju kontrolli huma magħmulha għandu jipprovdi l-esperti bl-assistenza neċessarja għall-esekuzzjoni tad-dmirijiet tagħhom. Il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-awtorità kompetenti bir-riżultati tat-testijiet magħmulha.

▼M5

2. Arranġamenti prattiċi għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu, b'mod partikulari dawk li jirregolaw il-proċedura għal koperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, għandhom ikunu stabbiliti f'konformità mal-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 14(2).

▼B

Artikolu 18

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu jibda jgħodd sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS I

Iz-Zoonosi u l-aġenti zoonotiċi li għalihom iridu jiġu stabbiliti l-miri Komunitarji għat-tnaqqis tal-prevalenza skond l-Artikolu 4

1. Iz-Zoonosi jew l-aġent zoonotiku	2. Il-Popolazzjoni ta' l-annimali	3. L-Istadju fil-katina ta' l-ikel	4. L-Aħħar data li fiha trid tiġi stabbilita l-mira (*)	5. L-Aħħar data li fiha jrid isir it-testjar
Is-serotipi kollha tas-salmonella b'sinifikat għas-saħħa pubblika	Il-qatgħat tat-tnissil tal-*Gallus-gallus*	Il-Produzzjoni primarja	►M1 18-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ◄	Tmintax-il xahar wara d-data riferita fil-kolonna 4
Is-serotipi kollha tas-salmonella b'sinifikat għas-saħħa pubblika	It-Tiġieġ li jbidu	Il-Produzzjoni primarja	Erbgħa u għoxrin xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.	Tmintax-il xahar wara d-data riferita fil-kolonna 4
Is-serotipi kollha tas-salmonella b'sinifikat għas-saħħa pubblika	Il-Kapuċċelli	Il-Produzzjoni primarja	Sitta u tletin xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.	Tmintax-il xahar wara d-data riferita fil-kolonna 4
Is-serotipi kollha tas-salmonella b'sinifikat għas-saħħa pubblika	Id-Dundjani	Il-Produzzjoni primarja	Tmienja u erbgħin xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.	Tmintax-il xahar wara d-data riferita fil-kolonna 4
Is-serotipi kollha tas-salmonella b'sinifikat għas-saħħa pubblika	Il-Merħliet tal-ħnieżer tal-qatla	Il-Qatla	Tmienja u erbgħin xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.	Tmintax-il xahar wara d-data riferita fil-kolonna 4
Is-serotipi kollha tas-salmonella b'sinifikat għas-saħħa pubblika	Il-Merħliet tal-ħnieżer tat-tnissil	Il-Produzzjoni primarja	Sittin xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.	Tmintax-il xahar wara d-data riferita fil-kolonna 4

(*) Dawn id-dati huma msejsa fuq il-preżunzjoni li d-data komparabbli fuq il-prevalenza jkunu disponibbli gallinqas sitt xhur qabel l-istabbiliment tal-mira. Jekk dawn id-data ma jkunux disponibbli, id-data tal-mira gandha tii posposta kond hekk.

▼B

ANNESS II

IL-KONTROLL TAZ-ZOONOSIJIET U L-AĠENTI ZOONOTIĊI ELENKATI FL-ANNESS I

A. **Il-Ħtiġiet ġenerali għall-programmi nazzjonali tal-kontroll**

Il-programm irid iqis in-natura taz-zoonosi u/jew l-aġent zoonotiku interessati u s-sitwazzjoni speċifika fl-Istat Membru. Irid:

(a) jiddikjara l-għan tal-programm billi jieħu f'konsiderazzjoni l-importanza taz-zoonosi jew l-aġent zoonotiku interessati;

(b) jikkonforma mal-ħtiġiet minimi tat-teħid tal-kampjuni stabbiliti fil-parti B;

(ċ) meta rilevanti, jikkonforma mal-ħtiġiet speċifiċi stabbiliti fil-partijiet minn Ċ sa E; u

(d) jispeċifika l-punti li ġejjin:

1. *Ġenerali*

1.1. L-okkorrenza taz-zoonosi jew ta' l-aġent zoonotiku interessati fl-Istati Membri b'riferiment speċjali għar-riżultati miksuba fil-qafas tal-monitoraġġ skond l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2003/99/KE.

1.2. Iz-zona ġeografika jew, meta approprjat, l-unitajiet epidermjoloġiċi, li fihom irid jiġi implimentat il-programm.

1.3. L-istruttura u l-organizzazzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti rilevanti.

1.4. Il-laboratorji approvati fejn jiġu analizzati l-kampjuni miġbura ġewwa l-programm.

1.5. l-Metodi wżati fl-eżaminazzjoni taz-zoonosi jew ta' l-aġent zoonotiku.

1.6. Il-kontrolli uffiċjali (inklużi l-iskemi tat-teħid tal-kampjuni) fil-livell tal-għalf, il-qatgħa jew il-merħla.

1.7. Il-kontrolli uffiċjali (inklużi l-iskemi tat-teħid tal-kampjuni) fi stadji oħra tal-katina ta' l-ikel.

1.8. Il-miżuri meħuda mill-awtoritajiet kompetenti rigward l-annimali jew il-prodotti li fihom ġew mikxufa zoonosijiet jew aġenti zoonotiċi, b'mod partikolari għalbiex tiġi protetta s-saħħa pubbika; u kull miżura protettiva meħuda, bħat-tilqim.

1.9. Il-leġislazzjoni nazzjonali rilevanti, inkluża kull disposizjoni nazzjonali li tirrigwarda l-attivitajiet riferiti fl-Artikolu 1(3)(b).

1.10. Kull assistenza finanzjarja pprovvduta għan-negozji ta' l-ikel u tal-għalf fil-kuntest tal-programm nazzjonali tal-kontroll;

2. *Fejn jirrigwarda n-negozji ta' l-ikel u tal-għalf koperti bil-programm*

2.1. L-istruttura tal-produzzjoni ta' l-ispeċje mogħti u tal-prodotti minnu.

2.2. L-istruttura tal-produzzjoni tal-għalf.

2.3. Il-gwidi rilevanti għall-prattiċi t-tajba tat-trobbija ta' l-annimali u linji gwidi oħra (mandatorji jew volontarji) li għall-inqas jiddefnixxu:

— il-ġestjoni ta' l-iġjene fl-irziezet,

— il-miżuri għalbiex jipprevjienu l-infezzjonijiet li jkunu sejrin jiġru miġrura mill-annimali, il-għalf, l-ilma tax-xorb, in-nies li jaħdmu fl-irziezet, u

— l-iġjene fit-trasport ta' l-annimali lejn l-irziezet u minnhom.

2.4. Is-sorveljanza veterinarja tar-rutina fl-irziezet.

2.5. Ir-Reġistrazzjoni ta' l-irziezet.

2.6. Iż-żamma tar-reġistri fl-irziezet.

2.7. Id-dokumenti li jakkumpanjaw l-annimali meta jiġu ddispaċċjati.

2.8. Miżuri oħra rilevanti għalbiex tiġi żgurata t-traċċjabbiltà ta' l-annimali.

▼B

B. **Il-Ħteġijiet minimi tat-teħid tal-kampjuni**

1. Wara li jkun ġie approvat il-programm rilevanti tal-kontroll riferit fl-Artikolu 5, l-operaturi tan-negozji ta' l-ikel irid ikollhom kampjuni meħuda u analizzati għalbiex jittestjaw għaz-zoonosijiet u l-aġenti zoonotiċi elenkati fil-kolonna 1 ta' l-Anness I, li jirrispettaw il-ħtiġiet minimi tat-teħid tal-kampjuni ddikjarati fit-tabella li ġejja.

1. Iz-Zoonosi jew l-aġent zoonoriku	2. Il-Popolazzjoni ta' l-annimali	3. Il-Fażijiet tal-produzzjoni li t-teħid tal-kampjuni jrid ikopri
Is-serotipi kollha tas-salmonella b'sinifikat għas-saħħa pubblika	Il-qatgħat tat-tnissil tal-*Gallus gallus*	
	— il-merħliet tat-trobbija	— il-flieles ta' jum — it-tjur ta' erba' ġimgħat — ġimagħtejn qabel il-moviment lejn il-fażi tal-għemil tal-bajd jew l-unità tal-għemil tal-bajd
	— il-merħliet adulti tat-tnissil	— kull ġimgħa matul it-tieni perjodu tal-għemil tal-bajd
Is-serotipi kollha tas-salmonella b'sinifikat għas-saħħa pubblika	It-tiġieġ li jbidu	
	— il-merħliet tat-trobbija	— il-flieles ta' jum — għattuq ġimagħtejn qabel il-moviment lejn il-fażi tal-għemil tal-bajd jew l-unità tal-għemil tal-bajd
	— il-qatgħat li jbidu	— kull 15-il ġimgħa matul il-fażi tal-għemil tal-bajd
Is-serotipi kollha tas-salmonella b'sinifikat għas-saħħa pubblika	Il-Kapuċċelli	— it-tjur li jkunu sejrin għall-qatla (*)
Is-serotipi kollha tas-salmonella b'sinifikat għas-saħħa pubblika	Id-Dundjani	— it-tjur li jkunu sejrin għall-qatla (*)
Is-serotipi kollha tas-salmonella b'sinifikat għas-saħħa pubblika	Il-Merħliet tal-ħnieżer: — Il-ħnieżer tat-tnissil — il-ħnieżer tal-qatla	— l-annimali li jkunu sejrin għall-qatla jew il-karkassi fil-biċċerija — l-annimali li jkunu sejrin għall-qatla jew il-karkassi fil-biċċerija

(*) Ir-riżiltati ta' l-analizi fuq il-kampjuni gandhom ikunu magrufa qabel ma l-annimali jitilqu lejn il-bierija

2. Il-Ħtiġiet stabbiliti fl-punt 1 huma mingħajr preġudizzju għall-ħtiġiet tal-leġislazzjoni Komunitarja li tirrigwarda l-ispezzjon ta' qabel il-mewt.

3. Ir-riżultati ta' l-analiżi jridu jiġu rreġistrati, flimkien mat-tagħrif li ġej:

(a) id-data u l-post tat-teħid tal-kampjuni; u

(b) l-identifikazzjoni tal-qatgħa/merħla.

4. Jistgħu ma jintużawx it-testijiet immunoloġiċi jekk l-annimali jkunu tlaqqmu, għajr jekk ikun ġie ppruvat illi l-vaċċin ma jinterferix mal-metodu tat-test applikat.

▼M4

Ċ. **Rekwiżiti speċifiċi dwar il-qatgħat għat-tgħammir tal-*Gallus gallus* u d-dundjani għat-tgħammir**

1. Il-miżuri stabbiliti fil-punti 3 sa 5 għandhom jittieħdu kull meta l-analiżi tal-kampjuni meħuda skont il-parti B, jew skont l-iskemi ta' ttestjar stabbiliti fl-

▼M4

Annessi għar-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1003/2005 [1] u 584/2008 [2], tindika l-preżenza ta' *Salmonella* Enteritidis jew *Salmonella* Typhimurium f'qatgħa għat-tgħammir tal-*Gallus gallus* jew fid-dundjani għat-tgħammir fiċ-ċirkustanzi stabbiliti fil-punt 2.

▼B

2. (a) Jekk l-awtorità kompetenti tkun approvat il-metodu ta' l-analiżi wżat għall-kampjuni meħuda skond il-parti B, tista' teħtieġ illi jittieħdu l-miżuri stabbiliti fil-punti minn 3 sa 5 meta dan l-analiżi jikxef il-preżenza tas-*Salmonella enteritidis* jew tas-*Salmonella typhimurium*.

   (b) Inkella, iridu jittieħdu l-miżuri stabbiliti fil-punti minn 3 sa 5 kulmeta l-awtorità kompetenti tikkonferma suspett tal-preżenza tas-*Salmonella enteritidis* jew tas-*Salmonella typhimurium* li joħorġu mill-analiżi tal-kampjuni mwettqa skond il-parti B.

3. Il-Bajd mhux inkubat mill-qatgħa jrid jiġi meqrud.

   Madankollu, dan il-bajd jista' jiġi wżat għall-konsum mil-bnidem jekk jiġi ttrattat f'manjiera li tiġġarantixxi l-eliminazzjoni tas-*Salmonella enteritidis* jew tas-*Salmonella typhimurium* skond il-leġislazzjoni Komunitarja dwar l-iġjene ta' l-ikel.

4. It-tjur kollha. inklużi l-flieles ta' jum, fil-qatgħa jridu jiġu maqtula jew meqruda hekk illi jitnaqqas kemm jista' jkun ir-riskju li tinfirex is-salmonella. Il-qtil irid jitwettaq skond il-leġislazzjoni Komunitarja dwar l-iġjene ta' l-ikel. Il-prodotti dderivati minn dawn it-tjur jistgħu jitqiegħdu fis-suq għall-konsum mill-bniedem skond il-leġislazzjoni Komunitarja dwar l-iġjene ta' l-ikel u, jekk tapplika, il-parti E. Jekk ma jkunux iddestinati għall-konsum mill-bniedem, dawn il-prodotti jistgħu jintużaw jew isir disponiment minnhom skond ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Ottubru 2002 li jistabbilixxi r-regoli tas-saħħa li jirrigwardaw il-prodotti sekondarji mill-annimali mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem [3].

5. Meta l-bajd għat-tifsiq minn ġemgħat ta' tjur li fihom tkun ġiet ikkonfermata l-eżistenza tas-*Salmonella enteriditis* jew tas-*Salmonella typhimurium* ikun għadu preżenti fil-mafqas, irid jiġi meqrud jew ittrattat skond id-Direttiva 1774/2002/KEE.

▼M3

D. **Rekwiżiti speċifiċi li jirrigwardaw qatgħat ta' tiġieġ li jbidu**

1. Il-bajd m'għandux jintuża għall-konsum dirett mill-bniedem bħala bajd tal-mejda sakemm ma jkunx ġej minn qatgħa kummerċjali ta' tiġieġ li jbidu suġġetta għal programm ta' kontroll nazzjonali stabbilit skond l-Artikolu 5 u mhux taħt restrizzjoni uffiċjali.

2. Il-bajd li joriġina minn qatgħat li għandhom stat ta' saħħa mhux magħruf, li dwarhom hemm suspett li huma infettati jew li huma infettati mis-serotipi tas-*Salmonella* li għalihom ġiet iffissata mira ta' tnaqqis jew li ġew identifikati f'tifqigħa speċifika fil-bniedem li tinġarr fl-ikel, jista' jintuża għall-konsum mill-bniedem jekk jiġi ttrattat b'mod li jiggarantixxi l-qirda tas-sertotipi kollha tas-*Salmonella* li għandhom sinifikat għas-saħħa pubblika skond il-leġiżlazzjoni tal-Komunità dwar l-iġjene fl-ikel.

   Il-bajd li joriġina minn qatgħat li għandhom stat ta' saħħa mhux magħruf, li dwarhom hemm suspett li huma infettati jew li huma infettati mis-serotipi tas-*Salmonella* li għalihom ġiet iffissata mira ta' tnaqqis jew li ġew identifikati bħala għajn ta' infezzjoni f'tifqigħa speċifika fil-bniedem li tinġarr fl-ikel, għandu jkun

   (a) ikkunsidrat bħala bajd tal-Klassi B kif iddefinit fl-Artikolu 2(4) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 557/2007 tat-23 ta' Mejju 2007 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1028/2006 dwar standards għat-tqegħid fis-suq tal-bajd [4];

   (b) immarkat bl-indikazzjoni msemmija fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 557/2007 li tifridhom b'mod ċar minn bajd tal-Klassi A qabel ma jitqiegħdu fis-suq.

---

[1] ĠU L 170, 1.7.2005, p. 12.
[2] ĠU L 162, 21.6.2008, p. 3.
[3] ĠU L 273, tal-10.10.2002, p. 1.
[4] ĠU L 132, 24.5.2007, p. 5.

▼M3

(c) projbit milli jidħol f'ċentri ta' ppakkjar sakemm l-awtorità kompetenti ma tkunx sodisfatta bil-miżuri biex jiġi pprevenut it-tniġġis minn naħa għal oħra ta' bajd minn qatgħat oħrajn.

3. Meta jinqatlu jew jinqerdu tjur minn qatgħat infettati, għandhom kemm jista' jkun jittieħdu miżuri biex jitnaqqas ir-riskju ta' tixrid taż-żoonożi. Il-qtil għandu jitwettaq skond il-leġislazzjoni tal-Komunità dwar l-iġjene fl-ikel. Il-prodotti li ġejjin minn tjur bħal dawn jistgħu jitqiegħdu fis-suq għall-konsum mill-bniedem skond il-leġisslazzjoni tal-Komunità dwar l-iġjene fl-ikel u, jekk ikun applikabbli, il-parti E. Jekk mhumiex destinati għall-konsum mill-bniedem, dawn il-prodotti għandhom jintużaw jew jiġu eliminati skond ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002.

4. Sabiex jitħallew barra r-riżultati pożittivi foloz tal-bidu, l-awtorità kompetenti tista' tneħħi r-restrizzjonijiet stabbiliti fil-punt 2 ta' din il-Parti:

(a) meta l-qatgħa ta' tiġieġ li jbidu ma tkunx l-għajn ta' infezzjoni għall-bnedmin mill-konsum ta' bajd jew prodotti tal-bajd bħala riżultat ta' l-investigazzjoni epidemjoloġika ta' tifqigħat li jinġarru fl-ikel skond l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2003/99/KE; u

(b) fejn il-qatgħa tkun sottomessa għal programm ta' kontroll nazzjonali mwaqqaf skond l-Artikolu 5 u s-serotipi tas-*Salmonella* li għalihom ġiet stabbilita mira ta' tnaqqis mhumiex ikkonfermati mill-protokoll ta' kkampjunar li jkun twettaq mill-awtorità kompetenti:

(i) l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi msemmija fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/665/KE (7 kampjuni); iżda, sotto-kampjun ta' 25 gramma jrid jinġabar minn kull materjal fekali u kampjun ta' trab għall-analiżi; il-kampjuni kollha jridu jiġu analizzati b'mod separat;

jew,

(ii) investigazzjoni batterjoloġika tal-musrana l-għamja u t-tubi ta' l-ovarji ta' 300 tajra;

jew,

(iii) investigazzjoni batterjoloġika tal-qoxra u l-ġewwieni ta' 4 000 bajda minn kull qatgħa fi gruppi ta' mhux aktar minn 40 bajda.

Barra mill-ikkampjunar imsemmi fil-punt (b), l-awtorità kompetenti għandha tivverifika l-assenza ta' l-użu ta' antimikrobiċi, li potenzjalment jaffettwa r-riżultat ta' l-analiżi ta' l-ikkampjunar.

▼B

E. **Il-Ħtiġiet speċifiċi li jirrigwardaw il-laħam frisk**

1. B'effet minn 84 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-laħam frisk tat-tjur mill-annimali elenkati fl-Anness I ma jistgħux jitqiegħdu fis-suq għall-konsum mill-bniedem għajr jekk jissodisfa l-kriterju li ġej:

"Is-Salmonella: nieqsa f'25 gramma".

2. Fi żmien 72 xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, iridu jiġu stabbliti regoli ddettaljati għal dan il-kriterju skond il-proċedura riferita fl-Artikolu 13(2). Dawn iridu jispeċifikaw, b'mod partikolari, l-iskemi tat-teħid tal-kampjuni u l-metodi analitiċi.

3. Il-kriterju stabbilit fil-paragrafu 1 ma japplikax għal-laħam frisk tat-tjur iddestinat għat-trattament idustrijali tas-saħħa jew trattament ieħor għalbiex jelimina s-salmonella skond il-leġislazzjoni Komunitarja dwar l-iġjene ta' l-ikel.

▼B

ANNESS III

Il-Kriterji speċifiċi għalbiex jistabbilixxu s-serotipi tas-salmonella b'sinifikat għas-saħħa pubblika

Meta jkun qiegħed jiġi stabbilit liema huma s-serotipi tas-salmonella b'sinifikat għas-saħħa pubblika li għalihom iridu japplikaw il-miri Komunitarji, iridu jitqiesu l-kriterji li ġejjin:

1. l-iktar serotipi frekwenti tas-salmonella fis-salmonellosi umana fuq il-bażi ta' l-informazzjoni miġbura permezz tas-sistemi tal-monitoraġġ tal-KE;

2. ir-rotta ta' l-infezzjoni (jiġifieri, il-preżenza tas-serotip fil-poplazzjonijiet u fil-għalf rilevanti ta' l-annimali);

3. jekk serotip jurix abbiltà rapida u reċenti li jitferrex u jikkawża mard fil-bniedem jew fl-annimali;

4. jekk serotip jurix vjolenza miżjuda, per eżempju rigward l-invażjoni, jew ir-reżistenza għat-terapiji rilevanti għall-infezzjonijiet umani